MSIDA

# KUNSILL LOKALI MSIDA

| | |
|---|---|
| Referenza: | Minuti tas-Seduta 19/K6/2010 |
| Data: | It-Tlieta, 7 ta' Settembru 2010 |
| Post: | Ufficcju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 17.30 pm |

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sindku : | Sur Clifton Grima |
| | Il-Vici Sindku: | Sinjorina Margaret Baldacchino |
| | Il-Kunsilliera: | Sur Emanuel Abela<br>Sur Emanuel Brincat<br>Dott. Carmelo Grima<br>Sur Matthew Agius<br>Sur Charles Selvaggi |
| | Is-Segretarju Ezekuttiv: | Sur Matthew Dimech |

AGENDA

Il-Kunsill mexa fuq l-avviz li gie ppublikat nhar it-Tlieta, 24 ta'Awissu 2010. L-Agenda kienet taqra hekk:

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 16/K6/2010.
2. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 17/K6/2010.
3. Materji mill-Minuti.
4. Korrispondenza.
5. Minuti mil-Kumitat Amministrattiv Swatar
6. Embellishment tal-Gnien quddiem il-Knisja u quddiem il-Kunsill.
7. Funtana l-kbira ta' quddiem l-Ghassa.
8. Uzu ta' eco wardens u progress.
9. Traffic Management min fejn l-Ghajn tal-Hassell in ghal Triq il-Wied.
10. Approvazjoni tal-pagamenti tal-kontijiet
11. Approvazjoni tal-Minuti mill-Kumitat u Sotto-Kumitati.
12. Affarijiet ohra jekk urgenti.
13. Aggornament.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

694. Dott. Grima talab sospensjoni tal-agenda biex jikkumenta fuq li gara gimgha ilu. Is-Sindku issospenda l-agenda.

695. Dott. Grima stqarr li fl-erbghatax-il sena li ilu Kunsillier l-Imsida, din il-gimgha li ghaddiet, ghalih kienet, l-aghar gimgha li qatt kien hawn fil-Kunsill tal-Imsida. Dott. Grima qal, filwaqt li irrefera ghal materji li graw waqt is-sospensjoni tal-laqgha ta' gimgha ilu, li fil-qadi tal-funzjonijiet taghna bhala Kunsilliera ma ghandniex nigu intimidati.

Dott. Grima qal li huwa ma jistennix li jigi ghal laqgha tal-Kunsill u jkun hawn 'messa in xena' bhal dik tal-gimgha l-ohra. Dan ma hux mod civili kif isiru l-affarijiet, u ta' t-tort lis-Sindku ghax il-bicca kienet mghaguna. Hu qal li gie mitfuh f'halq l-ilpup, minflok ma l-affarijiet gew diskussi fil-laqgha tal-Kunsill.

Dott. Grima qal li meta qal dan l-istess diskors gimgha ilu fil-laqgha tal-Kunsill, wara s-sospensjoni tal-laqgha, is-Sindku kull ma wiegeb kien li kull ma ghamel kien skond ir-regolamenti, u li kollox kien legali. Dott. Grima qal, li kull ma hu zgur hu, li dak li gara mhux etiku.

Dott. Grima qal li qed jirriserva d-dritt li jiehu passi kontra s-Sindku, skond kif tippermetti l-ligi.

696. Is-Sindku qal illi huwa jifhem dan id-diskors. Il-bieb huwa miftuh ghal kulhadd waqt il-laqgha tal-Kunsill u kompla billi qal li ma jistax jifhem kif Dott. Grima qed ihossu mghedded ghax waqt is-sospensjoni tal-laqgha ma intqalx kliem goff, u waqt il-laqgha zgur ma kienx ser jghalaq il-bieb lil hadd.

Is-Sindku qal li fil-laqgha li ghaddiet kien hemm l-istess ammont ta' sospensjonijiet tal-laqgha bhas-soltu u ma jahsibx li Msida St. Joseph ser tigi manipulata minn individwu wiehed (filwaqt li irrefera ghalih innifsu bhala Sindku). Dan, kompla s-Sindku, qed jghidu ghax Dott. Grima qed jghamel referenza lejh fuq li gara l-gimgha li ghaddiet waqt is-sospensjoni tal-laqgha.

697. M Agius qal li hu deplorabli dak li gara gimgha ilu. Huwa qal li skond is-Sindku dak li gara hu skond il-ligi, imma filfatt qabel ma l-laqgha giet sospiza minnu, kien hemm interruzjonijiet mill-publiku, partikolarment meta huwa stess beda jesprimi l-opinjoni tieghu, qraba tas-Sindku bdew jinterrompu, u min naha tas-Sindku, bhala Cermen tas-seduta, ma ttiehdet l-ebda azzjoni.

M Agius qal li fl-ahhar laqgha tal-Kunsill kien ha pjacir jisima lis-Sindku jitkellem fuq l-etika, imma l-mod kif huwa ssospenda l-laqgha tal-Kunsill il-gimgha l-ohra f'nofs diskussjoni ma kienetx etika zgur. Il-procedura tas-soltu hi li meta xi Kunsillier ikollu johrog mil-kamra tal-Kunsill waqt il-laqgha, dan johrog u din tigi imnizzla fil-minuti, u mhux toqghod tigi sospiza l-laqgha.

698. Is-Sindku qal li ma ghandu ghalfejn jiddefendi lil hadd fuq dak li gara l-gimgha l-ohra, u qal li waqt il-laqgha mhux vera li kien hemm interruzjonijiet.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

699. C Selvaggi qal li bhala Kunsilliera mal-Partit Nazzjonalista ma ghandhom l-ebda problema jghatu ghajnuna lill-klabb ta' Msida St. Joseph. C Selvaggi qal li l-membri tal-klabb ghandhom sfortunatament l-impressjoni li huma qed jiprovaw itelfuhom.

C Selvaggi qal li l-azzjoni li ttiehdet billi l-laqgha giet sospiza wara li saru l-interruzjonijiet kienet premeditata mis-Sindku, u li hu, Dott. Grima u M Agius hassewhom intimidatati b'dak li sehh waqt l-interruzjoni tal-laqgha. Fil-kaz tieghu, C Selvaggi qal li beza ipoggi xi domandi, ghax beza mir-reazjoni tal-publiku prezenti li seta jkun hemm.

C Selvaggi qal li waqt l-andament tal-laqgha tal-gimgha l-ohra kien hemm interruzjonijiet, u filfatt, tant hu hekk, li hin minnhom is-Sindku stess waqqafhom milli jinterrompu u qallhom il-kliem "mhux issa". Dan juri li l-azzjoni kienet pjanata minnu, biex huma bhala Kunsilliera ma jghamlux id-dover taghhom.

700. C Selvaggi kompla u qal li anke llum stess ma hux ihossu komdu waqt il-laqgha u qal li jispera li dawn l-incidenti ma jergawx jigu repetuti.

C Selvaggi sejjah sabiex jittiehed vot ta' kundanna kontra l-ghagir tas-Sindku waqt il-laqgha tal-Kunsill li ghaddiet u dwar l-incidenti li sehhew... specifikament meta s-Sindku qal lill-publiku prezenti il-kliem "mhux issa".

701. Is-Sindku qal li ma jafx qalx il-kliem "mhux issa", pero jekk qalu, wiehed dejjem irid jiehu l-kliem fil-kuntest li fih ikun qed jinghad, u jekk qalu, huwa qalu biex il-publiku prezenti ma jitkelmux f'dak il-hin fil-laqgha tal-Kunsill. Is-Sindku qal li qed jissemma diskors ta' 'tgheddid' u 'interruzjonijiet'. Is-Sindku saqsa jekk kienx hemm kliem ta' tgheddid?

702. Dott. Grima qal li waqt is-sospensjoni tal-laqgha, waqt li huwa hareg mis-sala fejn issir l-laqgha, qarib tas-Sindku gie f'wiccu jghajjat u jiftah idejh u jghidlu l-ghala qed jghamel plejtu fuq €150, qas li dan dahhalhom fil-but tieghu.

Dott. Grima qal li din il-persuna intimidatu b'dak l-attegjament fil-bini tal-Kunsill, wara li s-Sindku, ftit sekondi wara li ssospenda il-laqgha, u huwa u hiereg mis-sala tal-Kunsill, qal lill-publiku prezenti l-kliem "issa f'idejkhom".

Dott. Grima qal li l-azzjonijiet tal-gimgha l-ohra kienu orkestrati mis-Sindku, u li fil-Kunsill Lokali tal-Imsida ghandu jzomm ir-rispett u s-serjeta.

703. E Brincat qal li kemm ilu Kunsillier huwa dejjem ta' ghajnuna lill-Klabb tal-futbol Msida St Joseph, u li ddispjacih b'dak li gara l-gimgha l-ohra. E Brincat qal li hemm bzonn jikkalmaw l-ilmijiet biex il-Kunsill ikun jista jkompli jahdem. Huwa propona li ssir laqgha bejn il-Kunsill u l-Klabb tal-futbol biex dawn il-materji jigu iccarati, fejn il-Kunsill jispjega lill-Klabb dwar it-tibdiliet tal-ligi, specifikament l-artikli dwar il-projibizjoni ta' donazjonijiet mill-Kunsill Lokali.

E Brincat propona li l-vot propost min C Selvaggi jigi pospost ghal laqgha ohra, wara li ssir tali laqgha mal-Klabb tal-futbol, ghax anke hu hassu mdejjaq bir-reazjoni tal-membri tal-Klabb tal-futbol il-gimgha l-ohra.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

704. E Abela qal li mozzjoni trid tasal bil-miktub, ammont ta' jiem qabel l-laqgha tal-Kunsill. Dott. Grima qal li C Selvaggi propona vot mhux mozzjoni. Is-Segretarju ikkonferma illi kieku din kienet mozzjoni, din trid tasal bil-miktub ghandu, ammont ta' jiem qabel l-laqgha tal-Kunsill. Dott. Grima qal li huma mhux qed iressqu mozzjoni, izda suggeriment biex jittiehed vot.

705. M Baldacchino ghamlita cara li hi dejjem pruvat tghin lill-klabb tal-futbol. Hi qalet li wara l-laqgha tal-gimgha l-ohra, mxiet il-kelma ma xi residenti, li hi qeghda tahdem biex tfixkel lill-klabb tal-futbol. M Baldacchino qalet li hi ma ghanda x'taqsam xejn mal-incidenti li graw waqt il-laqgha tal-Kunsill tal-gimgha li ghaddiet. M Baldacchino qalet li l-hasra hi li ma tkunx taf min qed jghid dan id-diskors inverittativ dwara. Dal-kliem intqal mill-membri tal-Klabb tal-futbol, u l-allegazjonijiet fuqha ghandhom jigu iccarati.

706. E Abela qabel li ssir laqgha mal-klabb tal-futbol biex dawn jigu mfehma dwar il-bdil tal-ligi li tirregola l-Kunsilli Lokali, specifikament dwar li ma jistghux jinghataw donazjonijiet. Ghaldaqstant huwa jaqbel mal-proposta ta' E Brincat li l-vot propost min C Selvaggi jigi pospost.

707. Is-Segretarju qal lis-Sindku, bhala Cermen tas-seduta, jiddeciedi jekk ghandux jittiehed l-vot kif propost min C Selvaggi jew jipostponix l-vot ghal-laqgha li jmiss tal-Kunsill, hekk kif propost min E Brincat.

708. Is-Sindku qal li ha jiproponi kif propost min E Brincat.

709. Dott. Grima, C Selvaggi u M Agius insistew li jittihed vot fuq l-imgieba tas-Sindku u l-mod kif mexxa l-laqgha tal-Kunsill li ghaddiet. Is-Sindku qal li hu mexa mal-ligi, u ghaldaqstant, ma hux ha jcahhad lill-Kunsill Lokali Msida milli jiehu tali vot, hekk kif propost min C Selvaggi.

**Vot** - "Min jaqbel li t-tmexxija tac-Cermen waqt l-laqgha tal-Kunsill li ghaddiet, nhar il-31 ta' Awissu 2010, kienet etikament u legalment koretta?"

**Jaqblu li l-ghagir tas-Sindku kien korrett:**
- Is-Sindku Clifton Grima
- E Abela

**Astjenew mill-vot:**
- Il-Vici Sindku M Baldacchino
- E Brincat

**Ma jaqblux li l-ghagir tas-Sindku kien korrett:**
- Dott. Grima
- C Selvaggi
- M Agius



UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

710. Is-Segretarju Ezekuttiv qara' r-rizultat tal-vot.

711. E Brincat qal li f'dan il-mument ma kellux mohhu car biex jiddeciedi fuq din il-materja, u ghalhekk astjena.

712. E Brincat hareg mil-laqgha. Hin: 18.12

713. M.Baldacchino qalet li hi ntlaqtet hazin bil-mod kif graw l-affarijiet fil-31 ta' Awwissu waqt il-laqgha tal-Kunsill. L-ghada tal-laqgha saret taf li xi nies li kienu dahlu waqt il-laqgha tal-Kunsill qalu fuqha li kienet ukoll kontra l-klabb tal-futbol, dan mhux minnu xejn. Ghalhekk hasset li kellha tastjeni ghax l-isem taghha gie fin-nofs u giet implikata intortament.

714. Is-Sindku waqqaf is-sospensjoni tal-agenda u kompla l-laqgha. Hin: 18.15

**Punt 6 Embellishment tal-Gnien quddiem il-Knisja u quddiem il-Kunsill.**

715. Is-Sindku qal li hemm bzonn tigi irrangata il-bankina quddiem l-ufficini tal-Kunsill, hekk kif ukoll quddiem il-garaxx tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel, filwaqt li ukoll qabel li tigi ordnata tarka kbira tal-Kunsill Lokali Msida biex tehel mal-binja tac-Centru Civiku.

716. Is-Sindku propona biex isir embellishment tal-gnien Guze Ellul Mercer li jinsab quddiem il-Knisja Parrokjali. Il-Kunsill qabel fuq il-proposta illi dan il-gnien jigi mghaqqad mal-gnien fejn hem mil-bandli, u sabiex isir dan, titnehha it-triq ta' quddiem il-Knisja, fejn din issir parti integrali mil-gnien.

Il-Kunsill qabel li qabel ma jigu ordnati pjanti u stejjem tal-gnien, l-ewwel irid isir traffic management gdid, u wara lid an jigi approvat min Transport Malta, il-Kunsill jerga jiddiskuti jekk jghamilx il-pjanti u stejjem tal-*embellishment* tal-gnien.

C Selvaggi saqsa kemm jsita jiswa l-pjanta ta' traffic management. Is-Segretarju qal li l-perit jithallas bil- 1.9% fuq il-valur tal-progett. Ghaldaqstant huwa kmieni wisq biex inkunu nafu kemm jithallas il-perit fuq tali pjanta. Zgur mhux qabel ma issir l-istima tal-*embellishment* tal-gnien.

E Abela qal li l-*embellishment* kellu jsir disgha snin ilu mill-Ministru Francis Zammit Dimech.

C Selvaggi qal li bhala Cermen tas-Sotto Kumitat tal-Gonna qatt ma gie konsultat dwar din il-proposta tas-Sindku. Is-Sindku qal li qed iressaqa hawn biex tigi diskussa. C Selvaggi qal li waqt il-process ta' *traffic management*, ghanda issir pressjoni biex il-planki mkissra li hemm fil-gnien jilhqu jinbidlu min Transport Malta u jitnehha il-hajt li mbena madwarhom.

C Selvaggi ghaldaqstant talab lis-Sindku jghamel pressjoni fuq Transport Malta dwar dan, biex il-Kunsill ikun jista jiprocedi bil-progett tieghu.

717. C Selvaggi propona li l-gnien jigi mahsub ghal attivitajiet socjali li jistghu isiru gewwa fih u affarijiet ohra.



UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

718. Il-Kunsill qabel li isir tali embellishment, fejn iz-zewg gonna quddiem il-Knisja jigu mghaquda flimkien. L-ewwel pass izda ghandu jkun li titfassal proposta ta' *traffic management*, u li wara li din tigi approvata min Transport Malta, il-Kunsill ifassal pjanta u stejjem tal-progett.

719. E Brincat dahal fil-laqgha. Hin: 18.35

**Punt 7 Funtana l-kbira ta' quddiem l-Ghassa.**

720. Is-Sindku qal li saru hafna tentattivi mill-Kunsill biex jirranga din il-funtana. Is-Segretarju spjega xi problem ghanda din il-fuintana. Dott. Grima propona li titrranga minnufih, sabiex il-funtana terga tibda tahdem, billi din tigi mdawra bil-*fibre*.

Is-Sindku qal li rridu naraw kemm tali manutenzjoni ser tigi tiswa.

E Brincat qal li din kienet qeghda tahdem sa ma gie il-Q.T. Papa Benedittu, izda wara ftit din thassret u ma setghetx tisewwa aktar.

M Agius propona biex jitqabbad Inginjier specjalizzat biex jghamel studju fuq il-hsarat li fiha l-funtana u jiproponi hu x'tiswijiet hemm bzonn. Il-Kunsill qabel li tali rapport isir sa Novembru 2010, sabiex fil-laqgha tal-Kunsill ta' Novembru jitressaq ghall-approvazjoni.

**Punt 8 Uzu ta' *eco wardens* u progress**

721. Is-Segretarju spjega x'tahrikiet inhargu fuq kontravenzjonijiet ta' *littering* fix-xahar ta' Awissu. Is-Sindku qal li l-problema ta' hrug ta' skart f'hinijiet irregolari qeghda tikber, u lid war dan ser ikellem l-*Authorised Officer*, sabiex jara' x'jista isir.

M Agius saqsa x'jista isir ghalissa sa ma jibda jopera ir-Regjun? Il-Kunsill qal xejn, sakemm l-*Authorised Officer* ma jghatix xi forma ta' soluzjoni temporanja.

**Punt 9 Traffic Management min fejn l-Ghajn tal-Hassellin ghal Triq il-Wied**

722. Is-Sindku spjega din il-proposta, sabiex titranga il-bankina biex isservi bhala hrug biss. Dott. Grima u E Brincat tkellmu dwar kif din tista taffetwa il-hrug tal-karozzi waqt l-gharghar fi Triq il-Wied. Il-Kunsill qabel li isiru ukoll bollards b'reflectors.

723. Il-Kunsill qabel li l-perit jghamel pjanta tat-tibdiliet, u li din tintbghat lil Transport Malta ghall-approvazjoni.

**Punt 11 Approvazjoni tal-Minuti mill-Kumitat u Sotto-Kumitati.**

724. **Sotto-Kumitat Anzjani** – E Abela spjega il-program ghas-sena li gejja, filwaqt li propona lis sir talba bil-miktub lil Kappillan ghall-uzu tal-Knisja f'Jum l-Anzjani. Il-Kunsill qabel.

725. **Kumitat Offerti Publici** – Is-Segretarju qal illi l-Kumitat tkellem fuq il-hrug ta' tender ghal *Contracts Manager* u li ser isiru ftit emendi mill-kuntratt precedenti. Il-Kumitat qabel ukoll li issa jinhareg it-tender ghal gbir ta' skart domestiku, u li is-sottomissjonijiet isiru skond is-"*single envelope system*".



UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Il-Kunsill qabel ukoll lis sir addenda mal-Kuntratt ta' zamma tal-gonna, biex ikun hawn *cleaner* kull nhar ta' Sibt, u sabiex kemm jista jkun, dan ikun l-istess *cleaner* li diga jahdem gewwa l-Imsida.

Il-Kumitat qabel ukoll li jinhareg tender ghat-tindif u manutenzjoni ta' culverts, izda qabel ma dan jinhareg, qed isir ezercizzju mal-Perit sabiex il-*Bill of Quantities* tkun verament tirrefletti n-natura tax-xoghol.

726. **Sotto-Kumitat Zaghzagh u Sport** – Is-Sindku propona li jizdiedu zewg membri: Ramon Mifsud u Romina Galea. Il-Kunsill qabel.

**Punt 12 Affarijiet ohra jekk Urgenti.**

727. E Brincat qal li ghandu isir rapport lil MEPA sabiex jinbena boundary wall madwar sit fejn is-*showroom* ta' Lautier. Huwa qal ukoll biex jintbghatu *sympathy cards* lil President u Prim Ministru wara l-imwiet ta' missirijiethom.

728. C Selvaggi qal li dik ic-cinta li hemm fi Triq Achille Ferris timtela hamrija; irringrazzja l-involviment ta' E Brincat ghat-tnehhija tat-trailer min Triq il-Gdida; sabiex tehel bozza b'mod urgente fi Triq l-Universita, wara li sar abbuz fuq persuna fl-istess triq ftit jiem ilu. Dwar il-laqgha li ser issir fuq ir-rampa ta' University street, C Selvaggi u E Brincat ftehmu li filkas jiehdu hsieb huma biex ikelmu lis-sid.

729. Is-Sindku qal li l-laqgha mal-Ispettur ser issir fit-13 ta' Settembru.

730. Dott Grima qal li ghandu jehel *dustbin* fejn il-Knisja; u sabiex jinghata tarmac quddiem Azzopardi Flats Triq il-Makna tas-Serrar.

731. M Agius qal li il-Bring in Sites ta' Triq VIctor Denaro mhxu jitnaddfu ta' spiss bizzejjed.

732. M Baldacchino qalet li fjen il-gibjun u Pantalesco ghanda titawwal is-central strip; biex isir bus shelter fuq l-istage ta' fejn Jhonsons; u tkelmet dwar progett finanzjat mil-Unjoni Ewropeja dwar tghalim tal-ICT, li jista isir mal-kumpanija TCTC u Kunsilli ohra. Il-Kunsill qabel ma din l-inizjattiva.

733. Is-Sindku qal li Transport Malta bghatu ittra fejn infurmaw lill-Kunsill ili huma ma jaqblux li ghandhom isiru *traffic lights* quddiem il-bank HSBC fi triq ix-Xatt tal-Imsida. E Brincat propona lis sir *press conference*. Il-Kunsill qabel.

734. Is-Sindku qal ukoll li fi Triq Garcin, waqt it-twaqqiegh, inghalqet parti mit-triq bil-blokki tal-konkos, u li m'hemmx access ghal Triq il-Wied. Is-Sindku propona ukoll biex issir *sleeping pólice* fi Triq Bieb it-Torri. Il-Kunsill ma qabilx, izda qabel lis sir tabella 'Dead Slow'.

735. Is-Sindku propona li isiru bozzoz godda fi Triq il-Wied, vicin tal-ufficju tieghu u fi Sqaq St. Venera. Il-Kunsill qabel. Huwa propona ukoll li isiru bollards quddiem 23 Triq il-Knisja. Il-Kunsill qabel.



UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

736. Il-laqgha giet aggornata ghal 28 ta' Settembru fil-5.30pm. Il-laqgha ntemmet. Hin: 20.11

Approvati llum ______________________________________________

Nutar Clifton Grima
Sindku

Matthew Dimech
Segretarju Ezekuttiv

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com